

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.10.2008
KUMM(2008) 687 finali

2006/0274 (COD)

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont il-punt (c) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE
dwar l-emenda tal-Parlament Ewropew
tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward
il-proposta għal**

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**relatat mal-modifika tar-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jistabbilixxi Aġenzija
Ferrovjara Ewropea**

JEMENDA L-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI b'mod konformi ma' l-Artikolu 250(2) tat-
Trattat KE

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont il-punt (c) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE
dwar l-emenda tal-Parlament Ewropew
tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward
il-proposta għal**

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**relatat mal-modifika tar-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jistabbilixxi Aġenzija
Ferrovjara Ewropea**

1. DAĦLA

Il-punt (c) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE jistipula li l-Kummissjoni għandha tressaq opinjoni dwar l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew fit-tieni qari. Il-Kummissjoni hawn taħt qed tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-emenda proposta mill-Parlament.

2. L-ISFOND TAD-DOKUMENT

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2006)785 finali - 2006/0274 COD): 13.12.2006

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: 11.07.2007

Id-data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: 29.11.2007

Id-data tal-adozzjoni, bl-unanimità, tal-pożizzjoni komuni: 03.03.2008

Id-data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew (it-tieni qari) 09.07.2008

3. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Fit-13 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni Ewropea adottat sensiela ta' miżuri bil-għan li jappoġġaw it-tiġdid tas-settur tal-ferroviji billi jitneħħa x-xkiel għaċ-ċirkulazzjoni tal-ferroviji fin-netwerk ferrovjarju Ewropew.

Il-Kummissjoni nediet din l-inizjattiva għal żewġ raġunijiet ewlenin:

- biex tiffaċilita ċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-ferroviji fl-Unjoni Ewropea billi l-proċedura għad-dħul fis-servizz tal-lokomotivi ssir aktar trasparenti u effikaċi;
- biex tissimplifika l-kuntest regolatorju billi ssaħħaħ u tgħaqqad id-Direttivi dwar l-interoperabbiltà ferrovjarja.

Waħda minn dawn il-miżuri hija l-emendar tar-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija Ferrovjara Ewropea, sabiex jiddaħħlu fih ħidmiet ġodda bil-għan li jiffaċilitaw iċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-ferroviji. B'mod speċjali:

- it-tfassil ta' dokument ta' referenza li jippermetti li tiġi stabbilita l-korrispondenza bejn ir-regoli nazzjonali kollha applikati mill-Istati Membri fil-qasam tad-dħul fis-servizz tal-vetturi ferrovjarji;
- l-organizzazzjoni tax-xogħlijiet tan-netwerk tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza sabiex jitnaqqas gradwalment l-għadd tar-regoli nazzjonali imposti minn kull Stat, u sabiex jiġu identifikati dawk ir-regoli li jistgħu jitqiesu bħala ewkivalenti;
- l-għoti ta' pariri tekniċi fuq talba tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza jew fuq talba tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, bis-saħħa ta' din l-emenda tar-Regolament, deher xieraq li jiġu ddeterminati għadd ta' ħidmiet abbażi tal-esperjenza miksuba wara t-twaqqif tal-Aġenzija, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (l-ERTMS) u r-reġistri tal-vetturi ferrovjarji.

4. L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-EMENDI PROPOSTI MILL-PARLAMENT EWROPEW

Wara għadd ta' xhur ta' negozjati taħt il-Presidenza Slovena, waqt id-djalogu informali tal-24 ta' Ġunju 2008 nstabat soluzzjoni sabiex jintlaħaq qbil. Dan il-qbil għandu x'jaqsam l-iktar mal-ħidmiet tal-Aġenzija f'dak li għandu x'jaqsam mal-ERTMS.

Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-emenda ta' kompromess adottata mill-Parlament Ewropew fi tmiem it-tieni qari.